MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2009

Numru 214/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**
**V**

**ETIENNE PACE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ETIENNE PACE** ta’ hamsa w ghoxrinsena bin Joseph u Annunziata nee Muscat, imwieled Pieta nhar s-sitta ta’ Gunju 1983 u residenti Block 5, Flat 6, Triq d-Deheb Fin, Hal Qormi u detentur tal-karta tal-identita numru 305483M, gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fit-tmienja ta’ Marzu 2009 ghal habta ta’ bejn d-disgha neqsin disgha minuti w id-disgha w kwart ta’ bil-lejl, gewwa Michael’s Bar (Shooters), Triq r-Rebbiegha, Hal Qormi, hedded bil-mewt lil Jason Zammit;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi kliem insulenta lil Jason Zammit;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Jason Zammit sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara;
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna lil Jason Zammit jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu;
5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;
6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem hazin u dagha fil-pubbliku;
7. Talli fl-istess data u hin gewwa l-vettura tieghu tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni JAH 242 gewwa Triq r-Rebbiegha, Hal Qormi, garr jew zamm arma regolari u cioe arma tan-nar tat-tip shotgun P. Berretta semi awtomatiku bin-numru serjali AA018702 minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija;
8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll jew f'idejh jew fuqu, arma regolari u cioe arma tan-nar tat-tip shotgun P. Berretta semi awtomatiku bin-numru serjali AA018702 jew munizjon barra minn fond jew post minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm, garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta, jniggez u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, l-fedina penali tal-imputat kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet wkoll l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum l-ghaxra ta’ Marzu 2009, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti; w

2. Il-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu biss kontravenzjoni wahda li tirrisali ghas-sena 1994 fejn inghata canfira.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 339(1)(d)(e), 338(bb)(dd)(m) tal-Kap 9 u l-artikolu 5(1), 6, 51(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed <u>issib lil imputat ETIENNE PACE hati</u> tal-akkuzai kif moghtija mill-prosekuzzjoni u tiddeciedi li <u>tikkundannah ghal perjodu ta’ disgha (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2)</u> bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti qed torbot lil imputat taħt penali ta’ mitt euro (€100) kuljum fin-nuqqas li ma jingurjax, ma jimmolestax u ma jheddidtx lil Jason Zammit ghal perjodu ta’ sena mill-lum ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Finalment tordna l-konfiska tal-arma u mus esibiti llum f’dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 56 tal-Kap 480 u tordna li l-imputat ma jottjeni ebda licenzja taħt l-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ hames (5) snin mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------